# IS-SIGRIET

**Minn V.M. PELLEGRINI**

Annibale u Susanna kienu ilhom miżżewġin seba' snin; dejjem imxew bl-aqwa mħabba u qatt ma kisru qalb xulxin. Ma kien jonqoshom xejn, kellhom dar ċkejkna iżda mgħammra tajjeb; u r-raġel kien idaħħal salarju sabiħ u hi kienet iżżomm id-dar xam-miema. Frott ta' dan iż-żwieġ kienu żewġ kreaturi, tista' tgħid tewmin, għax twieldu waħda wara l-oħra, u l-għaxqa ta' ommhom kienet li tlibbishom xorta, billi kienu bniet, u żżejjinhom, bħallikieku kienu żewġ pupi.

Ir-raġel kien ħaddiem bil-għaqal u fil-ħin liberu tiegħu, flok li kien joqgħod jitlajja' fit-toroq jew jaħli l-ħin fil-każini, kien beda daqsxejn ta' negozju, aktarx bħala hobby milli biex iżid fid-dħul tal-paga. Martu, li kienet ta' l-iskola u kellha moħħha tajjeb, daħlet fil-logħba b'ruħha u ġisimha, u t-tnejn flimkien kienu jqattgħu l-għaxijiet jiktbu l-ittri, jaraw katalgi u kampjuni; jiddiskutu fuq il-gosti tal-mument, u meta jkunu għarblu kollox, kienu jfasslu l-ordnijiet, skond l-istaġun li dik il-merkanzija kienet tkun l-aktar adattata għalih.

Hekk, ngħidu aħna, għall-Milied kienu jordnaw ġugarelli għat-tfal; u rigali utili u sbieħ għall-kbar; għall-Karnival l-ordni kienet tkun għall-bżonn tal-maskarati u oġġetti oħra bħal sfafar, bżieżaq, imrietel tal-kartun forma ta' minfaħ, biex mad-daqqa, li ma kinetx tweġġa', kienet tinstema' xi twerżiqa jew tisfira. Għas-sajf, imbagħad, l-ordnijiet kienu jkunu mħalltin għat-tfal u għall-kbar, iżda bl-għan li jservu għal fuq xtut il-baħar u għal ġol-baħar stess.

U n-negozju beda jagħti l-frott tiegħu u l-qligħ kien dejjem qed jiżdied, għax Annibale u Susanna kellhom manjieri tajba, kienu jafu jmorru tajjeb mal-klijenti, u, għal dak li hu qligħ, huma kienu jżommu dak li hu xieraq għalihom, u lill-bejjiegħa ta' l-imnut kienu jagħtuhom il-profitt tagħhom xejn inqas milli kienet titlob il-liġi.

Iżda ġara dak li jgħidu l-Ingliżi: "All work and no play makes Jack a dull boy", għax Annibale nkirem wara dan l-imbierek ta' negozju, ħalla lil ħbiebu fil-ġenb, moħħu kien dejjem okkupat issa f'ħaġa, issa f'oħra, u spiċċa biex beda jegħja. Martu min-naħa l-oħra kienet ferħana se ttir b'żewġha dejjem ma' djulha, miġbur ġod-dar u medhi biha, b'uliedu u bin-negozju li kienu twebblu

bih, u għalhekk naqset li tagħti kas ta' x'kien qed jiġri lil żewġha. Ta' mara bil-għaqal, kien imissha ntebhet li dik ma kenitx ħajja kif għandha tkun, għax il-mistrieħ u l-isfog riedu jkunu wkoll, u l-mekkaniżmu tal-bniedem, bħal kull mekkaniżmu ieħor, biż-żmien jittiekel u jittertaq u fl-aħħar jieqaf għal kollox.

U hekk ġara lil Annibale. F'daqqa waħda beda jsir nervuż; għal kull ħaġa ta' xejn jisbel, u fejn qatt ma kienet ħarġet kelma mhix xierqa minn fommu, issa, kull meta jitlagħlu, beda jiżbalja u jinsulta bl-addoċċ, u l-ħajja fid-dar saret infern. Susanna bdew igħaddulha minn moħħha ħafna suspetti; bdiet flok tikkalmah u twensu, tilħaqlu passih, u jum wieħed saħansitra marret fil-post fejn kien jaħdem biex tara k'enx hemm xi impjegata li setgħet kienet qiegħda ttajjarlu rasu għal warajha. Iżda fejn kien jaħdem Annibale nisa ma kienx hemm, u għalhekk serrħet moħħha mhux ftit.

Nies Susanna ttendew ukoll li Annibale ma kienx f'siktu u wissew lil Susanna biex idderrilu, tħajru biex joħorġu iżjed, u, jekk tara l-ħtieġa, tieħdu jara tabib. Għal din l-aħbar, Annibale weġibha li hu diġà mar għand it-tabib Busietta, u dana mill-ewwel intebaħ li Annibale kellu fuqu breakdown iddoqq l-iskotti. Tah li pilloli, qallu biex jistrieħ xi ftit mix-xogħol, u jekk seta', jara jeħux xi vaganza twila jew jagħmel xi vjaġġ, imqar sa Catania, basta jinqata' għal xi żmien mir-rutina ta' kull jum.

Susanna baqgħet ċassa tħares lejh, u mbagħad għannqitu u bisitu u qaltlu: "Għax ma għidtlix b'dan kollu, mela ma għadx għandek fiduċja fija?" Weġibha: "X'ridtni nagħmel? Mela jien nista' nieħu vaganzi twal jew insiefer...?"

"U għala le?" wieġbet Susanna, "minn għada stess nibda naħseb kif nistgħu nagħmlu, biex immorru sa Catania, kif qallek it-tabib. Naħseb li ommi għal ħmistax-il ġurnata żżommhomlna t-tfal, u nkunu fl-ikbar mistrieħ. Dwar il-flus nonfqu dawk li faddalna minnegozju, mhux aħna ħdimna għalihom dawk? L-ewwel batejna, issa ngawduhom, u inti tarġa' tieħu saħħtek. Mhux sewwa qed ngħid?"

"Jien, kien għaddieli xi ħsieb bħal dan, iżda l-biċċa tat-tfal dejjem żammitni lura; jekk ommok ikollha pjaċir iżżommhom, allura nitlob il-leave u mmorru sa Catania".

U hekk sar, lestew kollox bla għaġla ta' xejn, għamlu l-passaporti, irranġaw għal-lukanda, xtraw il-bagalji u hejjew kollox kif

għandu jkun. Billi Susanna kienet tibża' mill-ajruplan, marru sa Sirakuża bil-baħar, u mbagħad komplew bit-tren sa Catania.

Kif waslu, sabu li l-lukanda, għalkemm mhix mill-iprem, kienet tajba ħafna; l-ikel ma kienx fih xi tmaqdar, u n-nies kienu dħulin, "kważi, kważi", ,qalet Susanna, "qishom Maltin, bħalna, u toħroġ il-għaġeb anke xi kliem bil-Malti, kienu jlissnu, għax milli jidher kienu ħafna l-Maltin li jmorru f'dik il-lukanda".

Kull filgħodu, wara l-kolazzjon, kienu jagħmlu passiġġati twal, issa fil-ġonna sbieħ ta' Catania u issa iktar 'il bogħod, fil-kampanja, ola ma qatt għaddielhom minn rashom li, bħala turisti, setgħu jagħtu fil-għajn ta' xi ħadd li, bi ħsieb ħażin, seta' jagħmlilhom id-deni. Iżda kollox mar ħarir.

Jum wieħed fetlilhom jikru taxi, kif kien qalilhom wieħed li kien ilu jdur magħhom tgħidx kemm, biex imorru sa fejn hu kellu villa fil-kampanja, u jqattgħu hemmhekk xi jumejn. Aċċettaw u marru. Il-villa ma kienet villa xejn, iżda x'aktarx razzett abbandunat. Meta waslu, tat-taxi baqa' jħares lejhom, ħallas u telaq lura.

Bertinu laqagħhom b'daqsxejn ta' tbissima dubbjuża; dawwarhom ma' kullimkien, u f'nofsinhar kellu lest ikel bnin u bix-xaba'. Il-misteru kien li ħlief xwejħa mgħaddma ma raw lil ħadd iżjed f'dak il-post diżabitat. Wara nofsinhar marru jimteddu, iżda x'ħin qamu, baqgħu 'ħalqhom miftuħ meta ndunaw li ma' Bertinu issa kien hemm xi erbgħa min-nies oħra, ta' xejra aktar zingara, milli Taljana. Donnu li kienu qegħdin jiftiehmu fuq xi biċċa negozju, għax dehru issa jitħaddtu bil-kalma, issa jillitikaw u issa jiġġebbdu fuq il-prezz ta' dak li kienu qegħdin jiftiehmu fuqu.. Sa fl-aħħar ftiehmu, Bertinu newwel il-flus, u l-ixjeħ fost dawk iz-zingari ikkonsenjalu pakkett li Bertinu kien pront ħeba fil-but.

X'ħin dalam resqu għaċ-ċena u Bertinu raġa' newlilhom ikel tassew bnin u poġġa fuq il-mejda f'ixkun inbid bla tikketta, x'aktarx minn dak li kienu jagħmlu l-bdiewa stess. Annibale, biex ma jiksirx lil Bertinu, xorob xi żewġ tazzi li niżlulu għasel, iżda ma damx wisq fuq saqajh, għax ħassu stordu u qalilhom li kien sejjer jorqod. Susanna bagħqet issummata, iżda ma lissnitx kelma.

Bertinu kien kollu kumplimenti u deher imlaħlaħ sewwa, iżda Susanna żammet rasha f'lokha, kompliet miegħu titħaddet issa fuq ħaġa u issa fuq oħra, u b'seba' għajnejn għal imġibtu. Il-makakk ma wera xejn suspettuż u baqa' sa l-aħħar ferrieħi u kumplimentuż. Wara xi siegħa taħdit, Susanna qalet li kienet tħossha għajjiena u

talbet lil Bertinu jiskużaha, u qamet minn postha biex tmur torqod ħdejn żewġha..

Bertinu ma meriħiex, iżda ġagħalha tixrob xi ftit rosolin miegħu, la l-inbid ma kienx jogħġobha. Għar-rosolin Susanna ma qalet xejn, u billi ratu jferrgħu fil-bikkerini quddiemha, ma daħlilha ebda suspett f'moħħha, bħalma kien għaddielha meta żewġha xorob l-inbid u waqa' dak in-ngħas kollu fuqu.

Xorbu flimkien u f'Susanna ġara xi ħaġa li ma kinitx tas-soltu; reġgħet poġġiet bil-qiegħda u bdiet tħares ċass lejn Bertinu. Dan bejnu u bejn ruħu qal: "Fl-aħħar qbadtha," u baqa' sieket jistenna. Susanna ħassitha f'dinja oħra, bdiet tara madwarha xeni ta' ġmiel liema bħalhom u f'widnejha ħsejjes ta' mużika l-iżjed ħelwa. F'daqqa waħda bdiet tinża' ħwejjiġha, resqet lejn Bertinu u qaltlu: "Arani kemm jien sabiħa; Salomè ma kinitx żgur isbaħ minni."

U mbagħad bdiet tiżfen mal-kamra, b'għajnejha mberrqin, ħafifa daqs għażżiela sa ma ntefgħet fl-għera tagħha kollu f'ħoġor Bertinu. U Bertinu, li dan kien qiegħed jistenna, ħadha f'kamartu u ħabbha.

L-għada deher kollox normali, iżda f'moħħ Susanna baqgħu jidwu ħsejjes u kliem ħelu, u fuq kollox stagħġbet x'ħin stenbħet u sabet ruħha għarwiena. Libset malajr, qajmet lil żewġha u x'ħin ħarġu minn kamarthom sabu lil Bertinu u lix-xwejħa jlestu l-kolazzjoni ta' filgħodu. Bertinu wera ruħu dħuli bħal dejjem, u Anniale kompla miegħu u ma daħakx bi ftit x'ħin qallu li kien raġel tal-karti, li jisker b'żewġ tazzi nbid.

Annibale u Susanna reġgħu lura lejn Malta u billi l-ġita kienet għamlitilhom tajjeb reġgħu għall-ħajja normali. Susanna, iżda, ma setgħet qatt tifhem x'kienu dawk il-viżjonijiet li mal-jum u mal-lejl ta' sikwit kien ikollha u baqgħet tagħrbel f'moħħha sa ma ndunat li kienet ser issir omm.

F'daqqa waħda ntebħet bil-logħba ta' Bertinu u kienet ċerta li l-frott ta' ġufha kien tiegħu u tiegħu biss. Tħawdet u daħlet ġewwa fiha. Ħasbet fuq ħafna affarijiet u saħansitra għaddielha minn rasha li tipprokura abort, biex ma jkollhiex għal tul ħajjitha dik il-kreatura tad-dnub quddiemha, li kienet żgur ser toboghdha u li ma riditħiex bl-ebda mod.

Fetħet qalbha mal-konfessur tagħha u dana sabbarha u rrikkmandalha tħalli kollox fir-rieda t'Alla, għax hi żgur li ma kellhiex ħtija.

Meta twieldet it-tarbija, din kienet x'aktarx mostru miegħi l-kreatura li żewġha kien qed jistenna minnha; u waqgħet fuq darhom dalma kbira. Iżda t-tarbija ma għexetx u mietet ma l-ewwel lejl ta' twelidha. Susanna ħassitha mistrieħa, żewġha ma ssuspetta xejn, u meta Susanna reġgħet intefgħet f'riġlejn il-konfessur, dan qalilha li t-toroq t'Alla huma bla qies, u li, kieku għamlet l-abort li kienet twebblet bih, barra l-qtil tal-kreatura innoċenti, hi stess kienet tkun tilfet għal dejjem l-hena tagħha, b'rimors li ma jitħassar b'xejn.